A.L. 298 ta' l-2007

ATT DWAR L-IBĦRA TERRITORJALI U Z-ZONA KONTIGWA (KAP. 226)

ATT DWAR L-AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA (KAP. 352)

Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sorveljar u Ħtieġa li jsiru Rapport fit-Traffiku ta' Bastimenti

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Ibħra Territorjali u z-Zona Kontigwa, u bl-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi u l-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità Marittima ta' Malta, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sorveljar u Ħtieġa li jsiru Rapport fit-Traffiku ta' Bastimenti, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar Sorveljar u Ħtieġa li jsiru Rapport fit-Traffiku ta' Bastimenti, hawnhekk u iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali''.

A.L. 458 ta' l-2004.

Jissostitwixxi regolament 9 tar-regolamenti principali.

2. Minflok ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Sistema ta' identifikazzjoni awtomatika u sistema ta' irrekordjar ta' data dwar il-vjaġġ.

9. (a) Kull bastiment li jżur port f'Malta għandhu jkun mgħammar b'sistema ta' identifikazzjoni awtomatika (AIS) li tkun tikkonforma man-normi dwar il-funzjonalità stabbiliti mill-Organizzazjoni Marittima Internazzjonali (IMO):

Iżda dan ir-regolament ma għandhux japplika għall:

(i) bastimenti tal-passiġġieri ta' tunellaġġ gross taħt it-300 tunnellata li jagħmlu biss vjaġġi domestiċi, u

(ii) kull bastiment ieħor ta' tunnellaġġ gross taħt it-300 tunnellata.

(b) Bastimenti mgħammra b'AIS għandhom izommu s-sistema taħdem f'kull ħin, ħlief f'dawk il-każijiet fejn ikun hemm xi ftehim, regoli jew normi internazzjonali li jipprovdu għall-protezzjoni ta' informazzjoni dwar in-navigazzjoni.

(ċ) Kull bastiment li jżur port f'Malta għandhu jkun mgħammar b'sistema ta' irrekordjar ta' data dwar il-vjaġġ (VDR) li tkun konformi man-normi dwar il-funzjonament tar-Rizoluzzjoni IMO A.861(20) u n-normi dwar l-ittestjar stabbiliti bin-Norma Numru 61996 tal-Kummissjoni Elettronika Internazzjonali (IEC):

Iżda:

(i) bastiment tal-passiġġieri li jagħmlu biss vjaġġi domestiċi f'zoni tal-baħar minbarra dawk koperti taħt il-klassi A, kif imsemmi fl-Artiklu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 98/18/KE tas-17 ta' Marzu 1998 dwar ir-regoli u n-normi tas-sigurtà għall-bastimenti tal-passiġġieri u bastimenti oħra ta' anqas minn 3000 tunnellata huma eżentati milli jkunu mgħammra b'sistema ta' VDR;

(ii) bastimenti tal-merkanżija ta' tunnellaġġ gross ta' 3000 tunnellata u aktar, mibnija qabel l-1 ta' Lulju 2002, għandhom ikunu mgħammra b'sistema ta' VDR mhux aktar tard mid-dati stabbiliti skond il-Konvenzjoni Internazzjonali ta' l-1974 għas-Sigurtà tal-Ħajja fuq il-Baħar (SOLAS), kif emendata.

(d) Data li tkun inġabret mis-sistema ta' VDR għandha tiġi mogħtija lill-awtorità kompetenti biex tiġi analizzata bir-reqqa bħala parti mill-investigazzjoni li ssir wara disgrazzja fl-ibħra territorjali ta' Malta. Ir-rizultati ta' investigazzjoni bħal dik għandha tiġi pubblikata kemm jista' jkun malajr wara li din tiġi konkluża".